MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 284/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-kontendenti konjugi Zammti ikkontrattaw iz-zwieg fil-21 ta’ April 1990 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, K B u S B illi twieldu rispettivament fl-1 ta’ Mejju 1991 u fil-15 ta’ Dicembru 1994 li t-tnejn jghixu mal-esponent missierhom illi jipprovdi ghall-htigijiet kollha taghhom;
2. Illi l-imsemmija konjugi B kienu infirdu minn xulxin b’kuntratt ta’ separazzjoni, b’att ippubblikat minn Nutar Dottor Peter Carbonaro fit-18 ta’ April 1993 (Dokument JZ 1);

3. Illi l-imsemmija tfal tal-kontendenti qeghdin jghixu mal-esponent missierhom illi qieghed imantnihom fil-bzonnijiet kollha taghhom;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C, bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet :

Illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti :

1. Illi ghalkemm huwa minnu li l-partijiet kienu isseparaw permezz tal-kuntratt imsemmi fis-sena 1993, huma kienu sussegwentement irrikonciljaw u ghalhekk b'tali rikonciljazzjoni waqqghu ghal kollox l-effetti tas-separazzjoni. Fil-fatt din il-Qorti kif preseduta ghandha bhalissa pendenti quddiemha kawza bejn l-istess partijiet (Rik. Gur. Nru 428/10 AL) fejn l-esponenti inter alia qed titlob il-pronunzja tas-separazzjoni u l-likwidazzojni tal-komunjoni tal-akkwisti u fir-risposta guramentata tieghu, zewgha qieghed sahansitra jaqbel "li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali".
2. Illi sussidjarjament u fi kwalunkwe kaz, il-partijiet kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom inqas minn erba snin millum.

Bl-ispejjez;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-artikolu 66B tal-Kap. 16;

Rat l-atti kollha;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal pronunzja ta' divorzju da parti tar-rikorrent.

Permezz tar-rikors promotur tieghu r-rikorrent jiddikjara li miz-zwieg ta' bejnu u l-intimata twieldu zewgt ulied li twieldu nhar l-1 ta' Mejju 1991 u nhar il-15 ta' Dicembru 1994 rispettivament u li allura l-wild il-kbira, K ghandha 22 sena filwaqt li l-wild iz-zghira ghandha kwazi 19 –il sena. Jiddikjara wkoll li l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro tat-18 ta' April 1993[1]. Izid jghid ukoll li l-ulied jghix mal-istess rikorrent u li allura jmantni l-istess ulied u li m'hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

Permezz tar-risposta taghha, l-intimata tikkontendi li huwa minnu li l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi mir-rikorrent, pero' sussegwentement ghal tali kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu rrikonciljaw. Issemmi wkoll li hemm kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet bin-numru 428/10AL fejn l-istess intimata qieghda titlob il-pronunzja tas-separazzjoni u l-likwidazzjonii tal-komunjoni tal-akkwisti u tikkontendi li fir-risposta guramentata tieghu, r-rikorrent qieghed jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali. Tghid ukoll li l-partijiet kellhom relazzjoni intimi bejniethom anqas minn erba' (4) snin ilu.

Illi jirrizulta lill-Qorti li hemm qbil bejn il-partijiet li sussegwentement ghall-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu rrikonciljaw, tant li fil-fatt fis-sena 1994 twieldet it-tieni wild. Jaqblu wkoll li snin wara tali rikonciljazzjoni, giet intavolata kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

[1] Liema kuntratt huwa esebit in atti a fol 2 tal-process

Minkejja tali qbil, ir-rikorrent jiddikjara li qed iserrah it-talba tieghu ghall-hall taz-zwieg fuq il-fatt li sar kuntratt ta' separazzjoni aktar minn erba' (4) snin ilu.

Permezz tax-xiehda taghha l-intimata taghti spjegazzjoni ta' kif graw il-fatti u kemm-il darba l-partijiet infirdu u regghu irrikonciljaw. L-intimata tikkontendi li l-ahhar darba li nqala' l-inkwiet bejniethom kien f'Ottubru 2009 b'dan li telqet mid-dar matrimonjali fis-27 ta' Dicembru 2009. Tghid li f'dik is-sena kellhom rapporti intimi flimkien pero' tghid ukoll li fis-sena ta' qabel, kienu jiggieldu hafna.

Min-naha l-ohra, r-rikorrent jghid li l-intimata ilha li telqet mid-dar ghal madwar erba' (4) snin u jichad li kien hemm relazzjonijiet intimi flimkien tul dawn l-4 snin. Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar meta telqet mid-dar, ir-rikorrent jikkontendi li '*presso poco*' telqet fis-sena 2008. Jghid ukoll li l-ahhar darba li kienu intimi kienu mill-anqas tliet xhur jew erba' xhur qabel l-ittra li baghat l-istess rikorrent lil martu bl-avukat.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 66B tal-Kap. 16 li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', din il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

***(a)*** "***Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
***(b) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***
***(c) Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57..”***

Illi jidher li l-kontestazzjoni da parti tal-intimata tinkwadra ruhha fl-ewwel rekwizit u cioe' dak marbut maz-zmien ta' erba' snin impost mill-ligi li jridu jkunu ghaddew minn mindu l-partijiet kienu jghixu flimkien.

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport intavolat da parti tal-intimata datat is-27 ta’ Dicembru 2009 fejn iddikjarat li ser torqod ghand ommha ghaliex qed tibza’ mir-rikorrent. Jigi rilevat li minkejja li tali rapport verament gie intavolat f’Dicembru 2009, dan ma jaghti ebda hjiel tas-sitwazzjoni kif kienet id-dar jew tar-rapporti intimi li seta’ kellhom bejniethom u ghalhekk ghall-finijiet li jigi stabbilit jekk giex sodisfatt ir-rekwizit ta’ erba’ snin hekk kif stipulat f’Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jidher car li l-punt li dwaru l-partijiet m’humiex jaqblu fuqu huwa l-applikabbilita’ tal-kuntratt ta’ separazzjoni *o meno,* minhabba l-fatt li sussegwentement ghal tali kuntratt kien hemm rikonciljazzjoni. Ir-rikorrent jargumenta li l-ligi ma tipprovdix (fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16) ghal x’jigri sussegwentement ghall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt ta’ separazzjoni u konsegwentement jargumenta li gialadarba dan hu l-kaz, ir-rekwizit taz-zmien ta’ erba’ (4) snin minn wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni gie sodisfatt (minkejja tali rikonciljazzjoni). L-intimata min-naha l-ohra tghid li r-rekwizit relatat mal-erba’ snin ma giex sodisfatt peress li mhux biss il-partijiet regghu irrikonciljaw wara li kienu sseparaw legalment talli m’ghaddewx 4 snin minn mindu ma baqghux jghixu flimkien bhala koppja mizzewga.

Il-Qorti f’dan l-istadju taghmel referenza ghal Artikolu 64(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid li f’kaz li ragel u mara mifrudin imorru jghammru flimkien minn rajhom, dan igib l-ghaqda taghhom mill-gdid u jigi mgedded l-obbligu, li gej miz-zwieg, tal-ghixien flimkien u tal-manteniment. Huwa biss rigward terzi persuni li huwa bzonnjuz att pubbliku sabiex jitnehhew l-effetti naxxenti mill-istess kuntratt pubbliku ta’ separazzjoni. Ghalhekk jirrizulta car li hekk kif il-partijiet regghu irrikonciljaw (u dwar dan m’hemm ebda dubju u mhux ikkontestat miz-zewg partijiet), allura l-obbligi naxxenti miz-zwieg regghu gew imgedda *ex lege*. Gialadarba dan hu l-kaz, allura il-Qorti ma tistax tqis it-trapass taz-zmien kollu minn mindu l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni bejniethom (ghall-finijiet ta’ talba ta’ divorzju) izda trid necessarjament

tara u tkun sodisfatta li ghaddew 4 snin minn mindu ma baqghux jghixu flimkien bhala koppja mizzewga.

*Ai termini* tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti trid tkun necessarjament konvinta li fid-data li jibdew il-proceduri ta’ divorzju, il-partijiet ma jkunux ghexu flimkien ghal perjodu jew perjodi li jammontaw ghal, mill-anqas 4 snin matul il-hames snin minnufih precedenti jew ikunu ghaddew mill-anqas 4 snin mid-data ta’ separazzjoni legali. Il-Qorti tirrileva li ma taqbilx mal-argument tar-rikorrent meta permezz tan-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, jghid li f’dawk il-kazi meta jkun hemm kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, il-kontro-parti tista’ tikkontesta tali talba ghal divorzju fuq kwistjonijiet relatati ma’ hlas ta’ manteniment dovut jew billi tikkontesta li l-perjodu ta’ 4 snin imsemmi f’Artikolu 66(B)(a) m’ghaddiex ghaliex l-Artikolu 64(1) tal-Kap. 16 citat aktar ‘il fuq jaghmilha cara li l-obbligi taz-zwieg jergghu jiggeddu b’rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk, ghal finijiet ta’ talba ta’ divorzju, r-rikorrent irid necessarjament jipprova li ghaddew erba’ snin minn mindu l-partijiet ma baqghux jghixu ta’ mizzewgin u mhux biss li ghaddew erba’ snin mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni. Dan proprju minhabba r-rikonciljazzjoni li sehhet bejn l-istess partijiet.

L-intimata ma tikkontestax it-talba ghad-divorzju abbazi tal-fatt li m’ghaddewx 4 snin mill-kuntratt ta’ separazzjoni (u dan isir b’mod naturali *stante* li tali perjodu ghadda sew) imma tikkontesta li m’ghaddewx 4 snin mill-ahhar rikonciljazzjoni taghhom. Jigi rilevat li l-partijiet jaghtu verzjoni differenti dwar kemm ilhom ma jghixux taht l-istess saqaf bhala koppja mizzewga. Ir-rikorrent, fix-xhieda tieghu ma jaghtix data preciza izda jghid li *pressa poco* dan sehh fis-sena 2008 filwaqt li l-intimata tghid li l-gurnata specifika meta harget mid-dar matrimonjali kienet f’dik il-gurnata li ghamlet ir-rapport mal-Pulizija u qaltilhom li ser tohrog mid-dar u cioe’ f’Dicembru 2009. Jekk il-partijiet kienux qed jghixu flimkien bhala koppja mizzewga fil-perjodu qabel din id-data m’hemmx qbil bejn l-istess partijiet kif m’hemmx qbil dwar iz-zmien ta’ meta l-ahhar kienu intimi flimkien.

Il-Qorti, specjalment in vista tar-rapport mal-Pulizija msemmi aktar ‘il fuq, ma tistax tkun sodisfatta sal-grad rikjest mill-ligi li l-partijiet kien ilhom mifrudin ghal aktar minn erba’ snin mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern. Dan qieghed jinghad ghaliex it-talba ghad-divorzju giet intavolata nhar it-8 ta’ Mejju 2012 u cioe’ sentejn u nofs wara li l-intimata intavolat ir-rapport imsemmi u ghalhekk ic-certezza u l-konvinciment rigward it-trapass ta’ erba’ snin mhux sodisfatt.

Dwar ir-rekwiziti l-ohra li tesigi l-ligi u cioe’ li ma jkun hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll li wliedhom qed
jircievu manteniment adegwat jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk il-Qorti thoss li m’hemm ebda bzonn li dawn ir-rekwiziti jigu diskussi aktar fit-tul. Jibqa’ pero’ l-fatt li r-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 66B huma rekwiziti li jridu jigu sodisfatti fl-*intier* taghhom u ghalhekk wahda hija konsegwenzjali ghall-ohra.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi tichad t-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------